31 ta' Marzu 2020
36/2020

# DATI ĠODDA GĦALL-POLOZ GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

L-Uffiċċju għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja qed iħabbar dati ġodda għall-poloz tad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja. Dawn se jiġu mxandra live fuq www.knisja.mt minn ġo studio, mingħajr il-preżenza tal-ġenituri u bl-inqas nies possibbli, minħabba r-restrizzjonijiet kontra t-tixrid tal-coronavirus. Matul it-tlugħ tal-poloz ser ikun preżenti nutar.

L-ewwel poloz li se jsiru huma dawk ta' parteċipazzjoni, tal-bniet u s-subien, għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja. Dawn se jsiru **l-Erbgħa, 1 ta' April 2020**. Il-polza tal-bniet tibda fid-9:30am u tas-subien issir eżatt warajha fl-10:30am, jew xħin tispiċċa l-polza tal-bniet jekk din tkun għadha ma spiċċatx sa dak il-ħin.

Il-polza ta' parteċipazzjoni tal-bniet tal-ewwel sena pimarja se ssir nhar **il-Ħamis, 2 ta' April**, u tibda fid-9:30am. L-iskeda bid-dati ta' kull polza tinsab hawn taħt.

Il-filmati tal-poloz jibqgħu aċċessibbli online anki wara li tispiċċa x-xandira tagħhom. Ir-riżultati tal-poloz jittellgħu online l-għada ta' kull polza, fuq il-paġna tal-Iskejjel tal-Knisja li tinsab fuq www.knisja.mt.

Għal iktar tagħrif il-pubbliku jista' jibgħat email fuq admissions@maltadiocese.org jew iċempel fuq 7999 0224.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## L-ISKEDA TAL-POLOZ

| Dati u ħin | Poloz | Sena |
|---|---|---|
| L-Erbgħa 1 ta' April, 9:30am | Parteċipazzjoni | Form 1 Bniet |
| L-Erbgħa 1 ta' April, 10:30am | Parteċipazzjoni | Form 1 Subien |
| Il-Ħamis 2 ta' April, 9:30am | Parteċipazzjoni | Primarja 1 Bniet |
| L-Erbgħa 8 ta' April, 9:30am | Għażla tal-Iskola | Form 1 Bniet |
| L-Erbgħa 8 ta' April, 10:15am | Għażla tal-Iskola | Form 1 Subien |
| L-Erbgħa 15 ta' April, 9:30am | Għażla tal-Iskola | Primarja 1 Bniet |
| Il-Ġimgħa 17 ta' April, 9:30am | Parteċipazzjoni | Primarja 1 Subien |
| L-Erbgħa 22 ta' April, 9:30am | Għażla tal-Iskola | Primarja 1 Subien |
| L-Erbgħa 22 ta' April, 11:00am | Parteċipazzjoni | Kinder 2 Bniet |
| It-Tlieta 28 ta' April, 9:30am | Għażla tal-Iskola | Kinder 2 Bniet |
| It-Tlieta 28 ta' April, 11:15am | Għażla tal-Iskola | Kinder 2 Subien |
| L-Erbgħa 6 ta' Mejju, 9:30am | Għażla tal-Iskola | Kinder 1 Subien |
| L-Erbgħa 6 ta' Mejju, 12:00pm | Għażla tal-Iskola | Kinder 1 Bniet |

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**